VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,082, 30 ta' April, 2013
Taqsima B

A.L. 135 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal- tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal- tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal- Fakultà tal-Kirurġija Dentali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science – M.Sc.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2012 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors għandu jkun offrut fi kwalunkwe qasam ta' studju li jaqgħa taħt ir-responsabbiltà akkademika tal-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom il-grad ta' Bachelor of Dental Surgery – B.Ch.D. - mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri,

sakemm li għall-qasam ta' studju ta' Restorative Dentistry, l-applikanti bil-kwalifiki li ġejjin ikunu kkunsidrati wkoll:

(a) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri bil-Biioloġija, il-Kimika, jew il-Kimika mal-Materials bħala waħda mill-oqsma ta' studju ewlenija; jew

(b) il-grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) fil-Mechanical Engineering mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri.

(2) Id-dħul tal-applikanti skont is-sottoparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament jista' jkun kondizzjonali skont ir-riżultati ta' intervista li ssir għal dan il-għan.

(3) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall kull qasam ta' studju offrut fil-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. L-għadd ta' postijiet disponibbli jitħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(4) Meta l-għadd ta' postijiet ikun limitat u n-numru ta' applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, bil-piż tagħhom jiġi ppubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) it-tip u l-klassifika tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost; u
(c) il-livell milħuq waqt l-intervista.

(5) L-intervisti, meta meħtieġa, għandhom ikunu mmexxija minn bord maħtur għal dan il-għan u magħmul minn tal-inqas tliet membri.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time.*

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-Programm ta' Studju

6. (1) Il-programm ta' studju għandu jkun magħmul minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom mhux inqas minn 20 krettu ECTS ikunu assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u mhux aktar minn 70 krettu ECTS ikunu assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

7. Il-valutazzjoni tat-taqsimiet studju mgħallma għandha ssir sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsimiet studju.

Id-Dissertazzjoni

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 40,000 u 50,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta tar-riċerka. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord fiż-żmien tal-applikazzjoni.

9. (1) Il-Bord għandu jaħtar Panil tas-Superviżjoni għal kull student normalment magħmul minn tliet membri kif ġej: il-Kap tad-Dipartiment bħala *Chairman*, jew id-delegat tiegħu jew tagħha, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur tar-riċerka, sakemm li meta l-Kap tad-Dipartiment ikun is-superviżur, ma jkunx / tkunx tista' tmexxi l-Panil.

(2) Il-Panil tas-Superviżjoni għandu jsegwi, kif ikun xieraq, il-progress tal-istudenti matul il-Kors, iżda għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena biex jirrevedi dan il-progress.

(3) L-istudenti jkunu meħtieġa biex jirrapportaw għand is-superviżuri tagħhom mill-inqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk skont kemm is-superviżur iħoss li hu neċessarju.

(4) Fl-aħħar ta' kull semestru ta' studju s-superviżuri jkunu meħtieġa jissottomettu rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom lill-Panil tas-Superviżjoni. L-istudenti għandhom isaqsu għall-approvazzjoni tal-Panil għal kwalunkwe modifika sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(5) Il-Panil tas-Superviżjoni għandu, minn żmien għal żmien, jinforma lill-Bord, bil-miktub dwar il-livell ġenerali milħuq minn kull student. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

11. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

12. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala meħtieġa minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

It-Tħassir

13. Ir-Regolamenti tal-2006 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 95 tal-2006, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2012, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2012 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.